# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 15 ta' Gunju 2017

Citazzjoni Nru. 276 / 04RGM

Kawza fil-lista: 19

**X Y; S T P; W T P illi flimkien mal-istess attrici martu S T P, jidhru bhala legittimi rapprezentanti u ghan-nom ta' uliedhom minuri O u A, ahwa T P u permezz ta' nota datata 1 ta' Marzu 2017 O T P assuma l-atti f'ismu proprju stante li issa huwa maggorenni**

**vs**

**J N M; R V;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi li permezz taghha ppremettew u talbu is-segwenti:-

Billi 1-attrici S T P twieldet fl-24 ta' Novembru 1973 u giet registrata bhala l-wild ta' l-attrici ommha X nee Y, allura M u l-konvenut J N M, allura mizzewgin;

Billi z-zwieg ta' bejn l-imsemmija attrici X Y, u cjoe, omm l-attrici S T P u l-konvenut J N M gie iddikjarat null mit-Tribunal Ekklezjastiku fit-23 ta' Gunju 1980 ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess sentenza izda senjatament ghaliex dan iz-zwieg ma' kienx gie ikkonsumat kif jirrizulta anke mill-kopja tal-istess sentenza;

Billi l-attrici S T P ma hiex il-wild naturali tal-konvenut J N M izda, u skont ma gie riferit lilha mill-attrici ommha u kif sejjer ukoll jirrizulta mill-provi l-ohra illi jigi mismugha f'din il-kawza, hija l-wild naturali tal-konvenut 1-iehor R V.

Billi l-attrici S T P izzewwget lill-attur W T P fl-14 ta' Ottubru 1995 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal O u A li twieldu 26 ta' Awissu 1996 u 27 ta' Lulju 2000 rispettivament;

Billi hemm lok ghalhekk illi c-certifikat tat-twelid tal-attrici jigi emendat fis-sens illi l-paternita' tal-istess S T P tkun korrettament tirrispekkja u tikkonforma mal-fatt illi l-imsemmi J N M ma huwiex l-missier naturali tal-attrici izda huwa l-konvenut R V illi huwa l-missier naturali tal-istess attrici S T P;

Billi konsegwentement hemm lok ukoll ghall-korrezzjoni tal-att taz-zwieg tal-istess atturi konjugi T P u tal-Att tat-twelid tal-imsemmija uliedhom minuri O u A ahwa T P ukoll sabiex il-paternita' vera tal-attrici S T P tigi korrettament imnizzla fl-istess atti.

Jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

1. Previa okkorrendo bl-opera ta' Periti Teknici, u okkorrendo ukoll permezz ta' dawk it-testijiet u verifiki gentetici u xjentifici kontemplati mill-Artikolu 70 tal-Kapitolu 16, illi jigu ordnati minn din l-istess Qorti u kondotti mill-Periti Teknici talvolta nominati, tiddikjara u tiddeciedi illi l-attrici S T P mhijiex it-tifla naturali tal-konvenut J N M izda hija t-wild naturali tal-konvenut l-iehor R V b'mod li ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-istess attrici S T P u tal-atti kollha l-ohra hawn taht imsemmija, cioe' l-Att taz-zwieg tal-atturi konjugi T P u l-Atti tat-Twelid ta' uliedhom minuri O u A T P.

2. Tordna ghalhekk l-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tal-attrici S T P, li jgib in-numru 5411 tas-sena 1973 b'mod illi r-rizultanzi ta' l-ewwel talba jigu korrettament u fedelment rispekkjati fl-istess att ta' twelid billi, inter alia, jigu ikkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid l-isem u l-konnotati kollha l-ohra tal-konvenut J N M u jigu sostitwiti bl-isem u l-konnotati l-ohra tal-konvenut R V, kif l-istess jirrizultaw mill-provi migbura f'din il-kawza u b'dak it-taghrif iehor illi jigi ordnat minn dina 1-Qorti.

3. Tordna ukoll l-korrezzjoni tal-Att taz-zwieg tal-atturi W u S konjugi T P li jgib in-numru 1722 tas-sena 1995 b' mod illi r-rizultanzi tal-ewwel talba jigu korrettament u fedelment rispekkjati fl-istess att ta' twelid billi, inter alia, jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess Att, l-isem u l-konnotati kollha l-ohra tal-konvenut J N M u jigu sostitwiti bl-isem u l-konnotati l-ohra tal-

konvenut R V, kif l-istess jirrizultaw mill-provi migbura f’din il-kawza u b'dak it-taghrif iehor illi jigi ordnat minn din il-Qorti.

4. Tordna ukoll l-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tal-minuri O T P, li jgib in-numru 3539 tas-sena 1996 b'mod illi r-rizultanzi ta’ l-ewwel talba jigu korrettement u fedelment rispekkjati fl-istess Att tat-Twelid billi, inter alia, jigu ikkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess Att, l-isem u l-konnotati kollha l-ohra tal-konvenut J N M u jigu sostitwiti bl-isem u l-konnotati l-ohra tal-konvenut R V, kif l-istess jirrizultaw mill-provi migbura f’din il-kawza u b' dak it-taghrif iehor illi jigi ordnat minn dina l-Qorti.

5. Tordna ukoll l-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tal-minuri A T P, li jgib in-numru 2718 tas-sena 2000 b'mod illi r-rizultanzi ta’ l-ewwel talba jigu korrettement u fedelment rispekkjati fl-istess Att tat-Twelid billi, inter alia, jigu ikkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess Att, l-isem u l-konnotati kollha l-ohra tal-konvenut J N M u jigu sostitwiti bl-isem u l-konnotati l-ohra tal-konvenut R V, kif l-istess jirrizultaw mill-provi migbura f’din il-kawza u b' dak it-taghrif iehor illi jigi ordnat minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti illi minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit ta' S T P a fol 37 tal-process.

Rat l-affidavit ta' W T P a fol 62 tal-process.

Rat l-affidavit ta' Malcolm Y a fol 64 tal-process.

Rat l-affidavit ta' X Y a fol 82 tal-process.

Rat l-affidavit ta' Frank G. M flimkien mad-dokumenti annessi, a fol 96 et seq tal-process.

Rat ix-xhieda ta' Marion Coleiro prodotta mill-atturi fil-11 ta' Lulju 2005 (fol 156).
Rat ix-xhieda ta' Carmen Gaffiero prodotta mill-atturi fil-11 ta' Lulju 2005 (fol 160).

Rat l-affidavits ta' Lilian Avellino u Monica Bonello Ghio pprezentati b'nota datata 14 ta' Lulju 2005 a fol 166 tal-process.

Rat l-affidavit tal-konvenut Charles V a fol 172 tal-process.

Rat in-nota tal-atturi a fol 185 tal-process li permezz taghha esebew numru ta' certifikati u rapporti skolastici sabiex jigi evidenzjat illi l-attrici S T P kienet maghrufa bhala Y u mhux M.

Rat ix-xhieda ta' Paul Galea prodott mill-atturi fl-24 ta' Ottubru 2005 (fol 277).

Rat ix-xhieda ta' Caroline V prodotta mill-atturi fit-28 ta' April 2006 (fol 351).

Rat ix-xhieda ta' Caroline V prodotta mill-atturi fit-13 ta' Gunju 2006 (fol 358).

Rat ix-xhieda ta' Hubert Caruana prodott mill-attur fit-13 ta' Lulju 2006 (fol 365).

Rat l-affidavit addizzjonali ta' S T P b'seba` ritratti annessi (fol 370 et seq).

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Marzu 2007, li permezz tieghu laqghet it-talba attrici tal-5 ta' Novembru 2006 ghall-hatra ta' espert xjentifiku u hatret lil Christopher Farrugia ghal dan il-ghan, li pero`, qabel ma jeleva s-samples minn fuq il-persuna tal-partijiet koncernati, kellu jottjeni l-kunsens espress tal-partijiet (fol 383).

Rat in-nota ta' X Y u S T P a fol 393 tal-process, li permezz taghha ddikjaraw li huma lesti jaghtu l-kunsens taghhom sabiex jittiehdu samples minn fuq il-persuna taghhom ghall-iskop li jsiru testijiet tad-DNA.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Gunju 2007, li fih l-konvenuti M u V iddikjaraw illi ma kinux qed jaghtu l-kunsens taghhom sabiex jittiehdu samples minn fuq il-persuna taghhom ghat-testijiet tad-DNA (fol 394).

Rat ix-xhieda in kontro-ezami tal-konvenut J N M tad-29 ta' Jannar 2009 (fol 406) u tas-27 ta' Marzu 2009 (fol 431).

Rat in-nota tal-konvenut J N M (fol 460) li permezz taghha ezebixxa kopja tal-iskrittura ta' transazzjoni milhuqa bejnu u bejn l-attrici X Y datata 15 ta' Ottubru 1981, qabel ma nghatat is-sentenza fil-kawza ta' annullament.

Rat u semghet ix-xhieda in kontro-ezami ta' Charles V tal-20 ta' Novembru 2009 (fol 476), tat-2 ta' Frar 2010 (fol 491), tat-13 ta' April 2010 (fol 500) u tal-5 ta' Mejju 2010 (fol 520).

Semghet ix-xhieda ta' Carmen Gaffiero waqt l-udjenza tas-16 ta' Frar 2011 (fol 546).

Semghet ix-xhieda in kontro-ezami tal-attrici X Y tal-14 ta' April 2011 (fol 548), tal-24 ta' Mejju 2011 (fol 580) u tat-8 ta' Gunju 2011 (fol 600).

Semghet ix-xhieda ta' l-attrici S T P tat-18 ta' Ottubru 2011 (fol 627), tat-28 ta' Frar 2012 (fol 653) u tal-21 ta' Mejju 2012 (fol 680).

Rat in-nota tal-konvenut Frank M a fol 718 li permezz taghha pprezenta serie ta' ritratti fejn jidher hu jew li ttiehdu fil-prezenza tieghu fejn tidher ukoll l-attrici S T P.

Semghet ix-xhieda ta' S T P in ri-ezami waqt l-udjenza tas-7 ta' Novembru 2012 (fol 723).

Rat ix-xhieda in kontro-ezami ta' Simone Anastasi moghtija quddiem l-Assistent Gudizzjarju fit-8 ta' Lulju 2013 (fol 741).

Rat ir-rikors tal-atturi tal-15 ta' Jannar 2013 (fol 773), li permezz tieghu, in vista tal-emendi li dahlu fil-Kodici Civili fil-mori ta' din il-kawza, inter alia bl-introduzzjoni tal-Artiklu 70A li jipprovdi ghas-sostituzzjoni da parti tal-Qorti, tal-kunsens li ma jkunx inghata sabiex jittiehdu l-kampjuni tad-DNA, talbu lill-Qorti sabiex tordna illi jsiru t-testijiet xjentifici u genetici fuq l-atturi X Y u S T P u fuq il-konvenuti J N M u R V u tahtar Perit Tekniku ghal dan l-iskop, u b'applikazzjoni tal-Artiklu 70A tal-Kodici Civili, tissostitwixxi l-kunsens li ma jkunx inghata mill-konvenuti jew min minnhom ghat-tehid tal-kampjun.

Rat ir-risposti rispettivi tad-Direttur tar-Registru Pubbliku (fol 776), tal-konvenut J N M (fol 777) u r-risposta addizzjonali tad-Direttur tar-Registru Pubbliku (fol 780).

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Frar 2014 (fol 787), li permezz tieghu, filwaqt li cahdet l-objezzjonijiet imressqa mill-konvenut R V, iddikjarat illi X Y fil-kwalita` taghha ta' omm ta' S T P, ghandha d-dritt bis-sahha tal-Artiklu 70A(1)(b) tal-Kap 16, li titlob lill-Qorti sabiex tordna li jittiehed kampjun generiku minn fuq il-persuna tal-konvenut Charles V ghall-finijiet tat-testijiet xjentifici tad-DNA. Bis-sahha tal-Artiklu 70A tal-Kap 16, ordnat li jittiehed kampjun genetiku minn fuq il-persuna tal-konvenut R V u nnominat lil Dr Marisa Cassar bhala espert gudizzjarju bi spejjez provvizorjament tal-atturi.

Rat ir-rikors tal-konvenut V tas-26 ta' Frar 2014, li permezz tieghu talab lill-Qorti sabiex joghgobha, ai termini tal-Artiklu 229(1)(3) tal-Kap 12, tikkoncedilu l-permess sabiex jinterponi appell ghar-revoka tad-digriet tal-20 ta' Frar 2014.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Dicembru 2014 (fol 814) li permezz tieghu laqghet l-eccezzjoni preliminaru mressqa mill-atturi u mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, u ddikjarat li b'applikazzjoni tal-Artiklu 70A (5) tal-Kap 16, appell mid-digriet ta' din il-Qorti tal-20 ta' Frar 2014, kellu jsegwi dak li jipprovdi l-Artiklu 229(2) tal-Kap 12. Ipprovdiet dwar ir-rikors tal-atturi tal-15 ta' April 2014 billi rrevokat *contrario imperio* dik il-parti tad-digriet taghha tal-20 ta' Marzu 2014 fejn iddikjarat li d-digriet taghha tal-20 ta' Frar 2014 ma hux digriet inkluz fis-subartikoli (1) u (2) tal-Artiklu 229 tal-Kap 12 u konsegwentement iddikjarat ir-rikors tal-konvenut R V tas-26 ta' Frar 2014 bhala irritwali u ghalhekk astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

Rat in-nota tal-konvenut Charles V tas-26 ta' Marzu 2015 (fol 818) li permezz taghha ddikjara illi minflok jitlob referenza kostituzzjonali dwar ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu minhabba d-digriet moghti minn din il-Qorti tal-20 ta' Frar 2014, huwa dispost li minn issa ma jitlobx tali referenza kostituzzjonali kemm il-darba fil-kawza kostituzzjonali fl-ismijiet Diana Abdilla vs Francesco Saverio sive Frank Mifsud et (Rif 95/2013/1) li kienet pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell jigi deciz li ma hemmx ksur ta' tali dritt fundamentali. Jghid li din id-dikjarazzjoni saret bla pregudizzju ghall-eccezzjoni tieghu tal-exceptio plurium concubentium li jsostni kellha tigi deciza qabel ma tigi attwata l-ordni tal-Qorti sabiex isiru t-testijiet xjentifici.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Ottubru 2015 li fih il-Qorti ddikjarat li l-kawza kostituzzjonali fl-ismijiet Diana Abdilla vs Francesco Saverio sive Frank Mifsud et (Rif 95/2013/1) giet deciza u ordnat illi d-digriet taghha tal-20 ta' Frar 2014 jigi esegwit.

Rat ir-rikors tal-konvenut R V tat-23 ta' Novembru 2015 li permezz tieghu talab illi l-ordni tal-Qorti sabiex jittiehed minn fuq il-persuna tieghu kampjun sabiex isir it-test tad-DNA jigi sospiz sakemm il-Qorti tiddeciedi l-eccezzjoni tieghu tal-”exceptio plurium concubentim”.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Lulju 2016 (fol 828) li permezz tieghu cahdet ir-rikors tal-konvenut R V tat-23 ta' Novembru 2015.

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Ottubru 2016 li permezz tieghu ikkonfermat id-digriet taghha tal-20 ta' Frar 2014 u ordnat li jigi ezegwit.

Rat l-affidavit, il-photocopy tal-ID Cards ta' X Y, S T P u R V, kif ukoll ir-rapport tad-DNA ta' Dr Marisa Cassar mahluf fil-5 ta’ Dicembru 2016 li jiccertifika li l-konvenut R V huwa l-missier naturali ta' l-attrici S T P (fol 870 et seq).

Rat in-nota ta' O T P (fol 880) li permezz taghha assuma l-atti ta' din il-kawza minflok il-genituri tieghu W u S konjugi T P li kienu jidhru ghalih u dan ghaliex ghalaq il-maggor eta`.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ezaminat il-provi, d-dokumenti, r-ritratti u l-atti kollha tal-kaz.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici S T P qed titlob dikjarazzjoni gudizzjali minn din il-Qorti fis-sens li missierha naturali ma huwiex il-konvenut J N M li fi zmien it-twelid taghha kien ir-ragel ta' ommha, izda huwa l-konvenut R V. Ghalhekk l-atturi qed jitolbu lil din il-qorti sabiex tordna l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-attrici S T P, fic-certifikat taz-zwieg taghha ma' l-attur W T P u fic-certifikat tat-twelid ta' uliedhom O u A ahwa T P, sabiex jirriflettu dan l-istat ta' fatt.

**Kwadru tal-fatti**

L-attrici X Y tixhed illi ghalkemm ghamlet numru ta' snin mizzewwga lill-konvenut Frank M, hija qatt ma kellha relazzjonijiet intimi mieghu. Tghid li sa meta twieldet l-attrici S hija kellha biss relazzjonijiet intimi mal-konvenut l-iehor R V u ghalhekk hija qatt ma kellha ebda dubju li S hija bintu. Il-konvenut M jixhed illi huwa kellu relazzjoni intima u kompleta ma' martu bejn l-ahhar ta' Frar u l-ewwel ta' Marzu 1973, u li minn din ir-relazzjoni giet koncepita l-attrici S. Da parti tieghu, il-konvenut Charles V jghid illi huwa tassew kellu relazzjonijiet intimi mal-attrici X Y, izda fiz-zmien tal-koncepiment ta' S, l-attrici X Y kienet ikkonfermatlu illi hija kien qieghed ikollha relazzjonijiet sesswali wkoll ma' zewgha J N M, ghalkemm it-tarbija setghet kienet tieghu. Jeccepixxi wkoll il-*plurium concubentium* u jsostni illi ma kienx l-uniku ragel li mieghu l-attrici X Y kien qieghed ikollha relazzjonijiet intimi fiz-zmien rilevanti.

**Ligi u Gurisprudenza**

Meta tarbija titwieled minn mara mizzewga li tkun ikkoncepiet lit-tarbija matul iz-zwieg, il-presunzjoni legali hi, eccetto l-eccezzjonijiet kontemplati fil-ligi, illi l-wild huwa wkoll iben ir-ragel tal-omm li weldet it-tarbija, u ghalhekk dan jigi rifless ukoll fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija.

L-Artikolu 67 tal-Kap.16 li jipprovdi illi:-
*"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-31 ta' Mejju 2005 fl-ismijiet **Marco Vella vs Pauline Cassar et**[1] intqal hekk fir-rigward tal-artikolu appena citat:-

*"Illi huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipprotegi l-istat ta' legittima tal-persuna, ladarba din twieldet fiz-zwieg, u ladarba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess diskrezzjoni wkoll hajja tieghu, hekk mizmum fir-rejalta` socjali bhala iben l-istess konjugi. Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet "Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et" (P.A. FGC 10 ta' Mejju 1996) inghad li:-*

*Dak li jissejjah ir-'raison d'etre' ta' din id-disposizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur Ricci meta huwa jikkummenta dwar disposizzjoni analoga tal-Kodici Taljan… "Egli ha osservato esistere nell'ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita' dal talamo a per il rispetto della fedelta' coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei concepiti da sua moglie durante il matrimonio. I giuconsulti romani intesero questa presunzione come l'incarnazione della formula solenne 'pater is est quem justae nuptiae demonstrat'.(Diritto Civile. Vol. 1 para 49 page.76)".*

Huwa ghalhekk illi l-ligi nostrana ma tikkonsidrax b'mod legger talbiet sabiex isir tibdil fl-att tat-twelid ta' persuni imwielda fiz-zwieg. Bl-azzjoni proposta l-attrici S T P qed tattakka proprju l-presunzjoni stabbilita bl- Artikolu 67 tal-Kodici Civili fejn insibu affermat illi "l-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu". Jirrizulta pacifiku illi din il-presunzjoni m'hijiex assoluta, imma biss *juris tantum* u ssir *juris et de jure* meta l-istat ta' tifel legittimu jirrizulta mhux biss mill-att tat-twelid, imma wkoll bil-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att.

L-Artikolu 80 tal-Kap. 16 jipprovdi illi:-
*"(1) Il-pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.*
*(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:*
*(a) illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben;*

---

1 Deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju 2007

*(b) illi l-missier ikun ittrattah bħala ibnu, u, f'dik il-kwalità, ħaseb għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokah;*
*(ċ) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies;*
*(d) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja."*

L-Artikolu 81 tal-Kap. 16 imbaghad jipprovdi illi:-
*"(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*
*(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu."*

Minn dan s'issa stabbilit huwa ovvju illi meta z-zewg estremi imsemmija fl-Artikolu 81, Kap. 16 - jigifieri l-att tat-twelid u l-pussess ta' stat – ma jikkonkorrux flimkien l-presunzjoni ma tibqax assoluta u, allura, il-paternita` legittima rizultanti mill-att tat-twelid tista' tigi eskluza bi provi ta' fatt li jigu apprezzati mill-gudikant.

**Ikkunsidrat**:

**Pussess ta' Stat.**

Harsa lejn il-provi relattivi ghall-pussess ta' stat tal-attrici S T P jindikaw illi l-konvenut J N M kien kwazi kompletament assenti minn hajjet S sa mill-bidu nett, ossia minn meta ommha X Y isseparat minn mieghu u hi kellha biss ftit iktar minn sentejn. L-istess S T P fl-affidavit taghha tirrelata kif il-konvenut Frank M qatt ma gab ruhu ta' missierha. Tghid inter alia illi:

*"Qatt ma kelli ebda kuntatt personali mieghu. Qatt ma kellimtu f'hajti kollha. Qatt ma indirizzajtu bhala missieri. Safejn naf jien, hu qatt ma pprova jaghmel kuntatt mieghi direttament jew indirettament…..*omissis*.....Sa minn ckuniti jiena nsejjah lili nnifsi S Y....*omissis*.....qatt ma kelli kuntatt mieghu u zgur qatt ma ppartecipa fit-trobbija tieghi. Huwa qatt ma hallas manteniemnt ghalija jew tani xi flus; kif gja ghidt, qatt ma kellimni jew ipprova jkellimni jew jiltaqa` mieghi; qatt ma gie l-iskola tieghi; qatt ma xtara xejn ghalija f'ebda okkazjoni; qatt ma gie jarani l-isptar; ma giex jara lit-tfal tieghi (illi legalment huma n-neputijiet tieghu); qatt ma ltaqa` mar-ragel tieghi; qatt ma kellem lir-ragel tieghi; ma giex it-tieg tieghi; ma giex ghall-gherusija tieghi; ma hallas xejn ghat-tieg tieghi jew l-gherusija tieghi; ma giex ghall-maghmudija tat-tfal tieghi jew ghall-precett tat-tfal; filfatt ma giex ghall-precett jew ghall-grizma tieghu. Fil-fatt inzid nghid illi huwa qatt ma gie mistieden ghal ebda wahda minn dawn l-okkazjonijiet."*[2]

2 Fol 57-58

Rigward il-percezzjoni tan-nies dwar il-paternita` taghha tispjega illi:

*"10. Hadd ma jafni bhala t-tifla ta' Frank M.*

*11. Matul hajti kollha jien kont dejjem maghrufa bhala S Y...omissis….maz-zmien bdejt nirrealizza illi kien open secret illi Frank M ma huwiex missieri u li jien it-tifla illegittima ta' Charles V."*[3]

Tghid illi skopriet li kunjomha kien M u mhux Y meta giet biex tapplika ghal passaport ghaliha ta' hdax-il sena.

Il-verzjoni ta' Nastasha T P hija korroborata minn xhieda ohra, fosthom ta' zijuha Malcolm Y, ta' zewgha W T P, kif ukoll partikolarment ta' ommha X Y li fl-affidavit taghha tghid inter alia:

*"...huwa kien jinjora ghal kollox l-ezistenza ta' S. Huwa qatt ma rrikonoxxa l-presenza taghha fl-okkazjonijiet rari illi kienu jaraw lil xulxin. Lanqas kien ihares lejha, wisq inqas jerfaghha, jilghab maghha jew johrogha. Qatt ma tani xejn ghaliha.....omissis….It-tifla kienet ghal kollox maqtugha minn Frank M u l-familjari tieghu. La kienet taf lil hut Frank u lanqas lil uliedhom. Sakemm Frank M kien ghadu d-dar, S kienet ghadha zghira. Meta telaq – dak iz-zmien S kellha sentejn – tant kont hadt hsieb illi nzommha il-boghod minn Frank illi qatt ma semmietu mieghi."* [4]

Tikkonferma wkoll illi hlief ghall-Milied tas-sena 1973, S qatt ma rceviet ebda rgal minghand il-familjari ta' Frank M, u dan qatt ma kien mistieden ghal okkazjonijiet tal-familja.

Da parti tieghu, il-konvenut J M jsostni illi S twieldet f'Novembru 1973 u bejn Frar u Marzu tal-istess sena, huwa kellu relazzjoni sesswali kompleta mal-attrici X Y. Jikkonferma illi l-hajja konjugali ta' bejniethom hadet zvolta ghall-aghar matul is-sena 1975 u fis-sena 1976 ghamel kawza ghal separazzjoni. Jghid li saru kawzi ta' annullament quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku kif ukoll quddiem il-Prim Awla u dawn il-kawza quddiem il-Prim Awla gew transatti billi huwa insista li fis-sentenza jinghad illi l-impotenza tieghu relattiva ghall-istess attrici "zviluppat ruhha waqt il-kors taz-zwieg" u li "ragunijiet li wasslu ghall-istess impotenza kienu pre-ezistenti ghall-istess zwieg".[5]

3 Fol 58-59
4 Fol 84 et seq
5 Fol 97 et seq

Izid ukoll li kien hu li rrinunzja ghall-kustodja ta' S u dan ghamlu ghaliex kien jahdem gimgha Malta u gimgha Ghawdex. Jghid li hu kien ihallas manteniment ghal X Y u ghal minuri S kif ukoll il-mizati tal-iskola tan-nursery u jesebixxi kopja ta' ricevuti in sostenn. Jghid li qabel twieldet it-tarbija kien hallas in-nursery, xtara tapit u walker u jesebixxi ricevuti in sostenn. Jghid li meta t-tifla kellha bzonn blood transfusion St Luke's huwa kien mar maghha u ma' missier u omm martu, u dakinhar stess kien mar ghand Collis & Williams biex jixtri l-medicina li kellha bzonn. Jghid li ommu kienet parrina u li bhala t-tielet isem S inghatat 'Blanche' bhal ommu. Jesebixxi ritratti tal-gurnata tal-maghmudija kif ukoll ta' meta ghalqet sena. Jirrelata wkoll dwar xi rigali li taha bejn is-sena 1975 u 1977. Ghalkemm jixhed illi huwa nghata access ghal S wara li telaq mid-dar, ma jikkonferO illi tali access kien jigi effettivament ezercitata, u mix-xhieda tieghu l-indikazzjoni hi li kwalsiasi relazzjoni li seta` kellu mat-tifla, ddghajjef u waqaf meta huwa telaq mid-dar matrimonjali.

L-atturi S T P u X Y jirreletaw kif tul hajjet S, minn meta kienet ghadha kif twieldet l-isptar, Charles V kellu presenza f'hajjithom. Bl-eccezzjonijiet ta' meta kien zzewweg, jirrelataw kif kien ikun id-dar taghhom, kien jixtri rigali lil S, johrogha u sahansitra meta kienet zaghzugha, kien iltaqghet mieghu gewwa l-Italja u sahansitra qattghet zewgt iljieli fl-istess kamra tal-lukanda, bhala bint u missierha. Jghidu ghalhekk illi Charles V kien jirrikonoxxi maghhom illi huwa missier S.

Jirrizulta ghalhekk illi ghalkemm il-konvenut M u t-tifla seta` kellhom relazzjoni fil-bidu nett ta' hajjitha, ossia, wara li twieldet, din ir-relazzjoni sfaxxat fix-xejn wara s-separazzjoni matrimonjali meta hija kellha biss ftit iktar minn sentejn. Jinghad li dak li hu rilevanti ma hux x’kien il-pussess tal-istat tal-attrici S meta twieldet u fil-ftit snin immedjatament wara t-twelid taghha izda x’kien il-pussess tal-istat taghha meta giet biex tintavola l-kawza odjerna.

Ezaminati l-provi mressqa mill-atturi fid-dawl tal-ligi u l-gurisprudenza applikabbli ghall-evalwazzjoni tal-provi, il-Qorti hi tal-fehma u qed tikkonkludi illi l-attrici S ppruvat sodisfacentement illi hija ma tipposjediex stat li huwa konformi mal-att tat-twelid taghha. L-attrici irnexxiela tipprova illi filwaqt li huwa minnu illi ghal ewwel sentejn jew tlieta ta’ hajjitha kienet ikkonsidrata minn dawk ta’ madwarha bhala bint ir-ragel ta’ ommha, minn meta kellha circa tliet snin 'l quddiem sew hi kif ukoll familjari u terzi persuni vicin il-familja taghha kienu jafu u jaccettaw li hi ma hiex bint J M izda bint Charles V.

Gie ghalhekk sodisfacentement stabbilit illi fil-mument li giet intavolata l-kawza odjerna l-pussess tal-istat tal-attrici ma kienx jaqbel mal-kontenut tal-att tat-twelid taghha.

**L-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut Charles V**

Il-konvenut Charles V jecepixxi illi l-attur W T P u martu S T P fil-kwalita` citata ta' legittimi rapprezentanti ta' uliedhom minuri O (li issa assuma l-atti f'ismu propju in kwantu lahaq il-maggor eta`) u A, ahwa T P ma ghandhom ebda locus standi f'din il-kawza ta' filjazzjoni, kif ukoll illi t-tielet, ir-raba` u l-hames talbiet tal-atturi huma inammissibbli.

Il-Qorti tinnota illi huwa minnu illi fir-rigward tal-azzjoni ta' denegata paternita` u filjazzjoni ta' ommhom, l-ulied O u A ahwa T P ma ghandhomx voce in capitolo. Jibqa` l-fatt izda, illi jekk it-talbiet ta' ommhom fir-rigward tal-filjazzjoni taghha jigu milqugha, l-atti tat-twelid taghhom jkunu jridu jigu emendati sabiex jirriflettu l-istat ta' fatt reali dwar min hu tassew missier ommhom. F'kawzi bhal dik odjerna spiss issir talba sabiex jigu emendati atti sussegwenti sabiex jigu riflessi r-rizultanzi tat-talba ghal filjazzjoni. Sabiex jigu emendati l-atti tat-twelid tal-atturi O u A huwa mehtieg li jkunu partijiet fil-kawza appozita. Ghalhekk il-Qorti qed tiddikjara illi l-atturi O u A ahwa T P ghandhom locus standi f'din il-kawza u ghalhekk tichad l-eccezzjoni tal-konvenut V fir-rigward.

**Is-Sentenza ta' Annullament tat-Tribunal Ekklesjastiku**

Permezz tat-tielet eccezzjoni tieghu il-konvenut V jeccepixxi illi s-sentenza tat-Tribunal Ekklezzjastiku mhiex ammissibbli bhala prova u ghalhekk il-kopja taghha ghandha tigi sfilzata ill-atti.

Permezz tat-tieni eccezzjoni tieghu il-konvenut J N M jeccepixxi illi is-sentenza imsemmija ma tistax tikkostitwixxi prova f'dan il-process ghaliex l-eccipjenti ma kienx nghata smiegh xieraq mit-Trinunal Ekklesjastiku u jekk din ma tigiex injorata mill-Qorti u dikjarata inammissibbli fil-konfront tieghu, ikun qieghed isir ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Mac-citazzjoni minnha prezentata l-attrici ezebiet kopja ta' sentenza moghtija mit-Tribunal Eklezjastiku fit-23 ta' Gunju 1980 li permezz taghha z-zwieg religjuz bejn l-attrici X Y u l-konvenut J N M gie dikjarat null. Matul it-trattazzjoni finali fl-udjenza tal-14 ta' Marzu 2017 il-konvenut, Dottor Albert Libreri ghall-konvenut Ro V issottometta illi l-Qorti m'ghandiex tiehu kont taghha in kwantu ma gietx registrata kif titlob il-ligi.

Din il-Qorti tinnota illi ma ngabitx prova illi tali sentenza giet registrata wara talba lill-Qorti tal-Appell.

Artikoli 25 u 26 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar iz-Zwieg) mizjuda b'Att I tal-1995 jipprovdu illi:-

Artikolu 25
Digriet mogħti mill-Pontefiċi Ruman super matrimonio rato et non consummato , meta waħda mill-partijiet miżżewġa tkun domiċiljata f'Malta jew tkun ċittadin ta' Malta, għandu, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 26, jiġi rikonoxxut u malli jiġi reġistrat skont l-imsemmi artikolu 26, ikollu effett daqslikieku kien sentenza mogħtija minn qorti u li saret res judicata fl-annullament ta' żwieġ li ma ġiex kunsmat, skont l-artikolu 19A.

Artikolu 26.
(1) Ir-reġistrazzjoni ta' digriet bħal dak imsemmi fl-artikolu 25 għandha ssir mill-Qorti tal-Appell.
(2) Talba għal dik ir-reġistrazzjoni għandha ssir permezz ta' rikors li miegħu tiġi annessa kopja awtentika tad-digriet pontifiċju u li jiġi preżentat fir-Reġistru tal-Qorti msemmija, u li għandu jiġi notifikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u meta tiġi preżentata minn parti miżżewġa waħda biss, il-parti l-oħra.
(3) L-intimati jkollhom dritt li jippreżentaw risposta fi żmien tnax-il jum minn meta r-rikors jiġi notifikat lilhom.
(4) (a) Ir-reġistrazzjoni ssir b'ordni tal-Qorti tal-Appell li bih tiddikjara d-digriet tal-Pontefiċi Ruman bħala wieħed li hu eżegwibbli f'Malta.
(b) Il-Qorti tal-Appell għandha tirreġistra d-digriet jekk tkun sodisfatta li d-digriet jirriferi għal żwieġ kattoliku li ġie ċelebrat wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu u li l-miżżewweġ jew miżżewġa huma domiċiljati f'Malta jew ċittadini ta' Malta.
(5) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4), il-Qorti tal-Appell għandha tagħti digriet li jkun jirriferi għal żwieġ kattoliku ċelebrat qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu meta r-rikors għall-ħruġ tiegħu jkun ġie preżentat miż-żewġ partijiet miżżewġin, jew meta jiġi preżentat minn parti waħda biss miżżewġa, il-parti l-oħra ma tkunx topponi għar-reġistrazzjoni tad-decizzjoni.

Mill-atti ma jirrizultax jekk tali sentenza tat-Tribunal Ekklezzjasitku gietx registrata bil-procedura stabbilita bl-Att dwar iz-Zwieg appena citata. Jirrizulta pero' li s-sentenza tat-Tribunal Ekklezzjastiku moghtija fit-23 ta' Gunju 1980 hija antecedent ghall-introduzzjoni fl-Att dwar iz-Zwieg tal-htiega li tali sentenza tigi registrata b'ordni tal-Qorti tal-Appell qabel ma tigi rikonoxxuta mill-Istat Malti,

Kien jinkombi fuq l-attrici illi tressaq il-prova jekk mal-introduzzjoni fis-sena 1995 tal-procedura fuq delineata kenitx talbet li s-sentenza tat-Tribunal Ekklezzjastiku moghtija fis-sena 1980 tigi registrata b'ordni tal-Qorti tal-Appell. Fl-atti ma hemm xejn f'dan ir-rigward nonostante l-eccezzjonijiet imsemmija.

Il-Qorti ghalhekk tqis li dawn iz-zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti V u M fir-rigward tas-sentenza tal-annullament huma fondati.

**L-Exceptio Plurium Concubentium**

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tan-nota pprezentata mill-konvenut Charles V fis-27 ta' Frar 2017, li permezz taghha filwaqt illi ddikjara li mhuwiex ser jitratta l-mertu ta' din l-eccezzjoni, irrizerva d-drittijiet tieghu li jappella mill-imsemmija decizjoni wara s-sentenza finali. Huwa jsostni illi ma jaqbilx mal-konsiderandi u d-decizjoni ta' din il-Qorti tat-12 ta' Lulju 2016, u li d-decizjoni msemmija gabet fix-xejn il-hames eccezzjoni tieghu.

Filwaqt li taghmel referenza ghall-kunsiderazzjonijiet taghha kif esposti fid-digriet msemmi tat-12 ta' Lulju 2016, din il-Qorti tirriafferma illi l-*exceptio plurium concubentium* ma tistax tintuza sabiex twaqqaf ir-ricerka tal-verita` dwar il-paternita` ta' persuna, meta jezistu provi, senjatament dawk xjentifici illi ma jhallux dubju dwar dan. Kif diga` sostniet din il-Qorti fid-digriet imsemmi, l-eccezzjoni tal-plurium concubentium ma hiex hemm sabiex tipprotegi jew tahbi l-identita` tal-missier naturali tal-wild, izda qeghdha hemm sabiex, partikolarment meta t-testijiet xjentifici ma jkunux possibbli, tevita li jigi dikjarat bhala missier dak li ma hux tassew il-missier.

Ezaminati l-provi prodotti lanqas jirrizulta dak allegat mill-konvenut V f’dan ir-rigward. Ma gabx provi illi l-attrici X Y kellha relazzjonijiet intimi ma’ diversi rgiel fil-mument li giet koncepita l-attrici S T P. Hemm kuntrast bejn l-attrici X Y u l-konvenut M jekk kienx hemm relazzjonijiet intimi bejniethom fiz-zmien rilevanti. Il-konvenut M jghid li kien hemm filwaqt li l-attrici Y issostni li ma kienx hemm u li fiz-zmien rilevanti kellha relazzjonijiet intimi biss mal-konvenut V. Min-naha tieghu l-allegazzjoni tal-konvenut V f’dan ir-rigward ma gietx sostanzjata.

Il-hames eccezzjoni tal-konvenut V qed tigi ghalhekk respinta.

**Prova tad-DNA**

F’kawzi ta’ din ix-xorta, l-aqwa prova hija l-prova xjentifika tad-DNA. Dr Marisa Cassar ikkonduciet it-testijiet tad-DNA u ccertifikat li huwa tassew il-konvenut Charles V u mhux il-konvenut Frank N M, il-missier bijologiku tal-attrici S T P. Tali rizultanzi ma jhallu ghalhekk ebda dubju illi t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Fl-ahhar nett, tilqa' t-tielet eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, u a skans ta' ekwivoci, tordna l-korrezzjoni fit-tielet talba attrici fir-rigward tan-numru

progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Att taz-Zwieg ta' l-atturi S u W T P li ghandu jaqra 1831 tas-sena 1995.

**Kap tal-ispejjez**.

Tenut kont ir-rizultanzi processwali il-Qorti hi tal-fehma illi l-ispejjez gudizzjarji ghandhom jigu sopportati mill-attrici X Y u mill-konvenut R V stante illi l-htiega tal-emendi fl-atti mertu tal-kawza odjerna hi rizultat dirett tar-relazzjoni intima ta' bejniethom meta t-tnejn kienu konsapevoli illi tqala mir-relazzjoni intima taghhom kienet ser twassal ghal registrazzjoni tal-wild fuq isem ir-ragel tal-attrici Y dak iz-zmien.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tilqa' u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku bil-mod kif hawn deciz; tilqa' it-tielet eccezzjoni tal-konvenut R V u tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet tieghu; tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut M u tichad l-ewwel eccezzjoni tieghu;

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-attrici S T P ma hiex it-tifla naturali tal-konvenut J N M izda hija l-wild naturali tal-konvenut R V.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna l-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tal-attrici S T P li jgib in-numru 5411 tas-sena 1973 b'mod li jigu mhassra l-kliem 'the said', kif ukoll l-isem u l-konnotati tal-konvenut J N M, li ghandhom jigu sostwiti bl-isem u l-konnotati tal-konvenut R V.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tordna l-korrezzjoni tal-Att taz-Zwieg tal-atturi W T P u S T P li jgib in-numru 1831 tas-sena 1995 b'mod li l-isem u kwalsiasi konnotati tal-konvenut J N M jigu sostwiti bl-isem u l-konnotati tal-konvenut R V.

4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tordna l-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tal-attur O T P li jgib in-numru 3539 tas-sena 1996 b'mod li l-isem u kwalsiasi konnotati tal-konvenut J N M jigu sostwiti bl-isem u l-konnotati tal-konvenut R V.

5. Tilqa' l-hames talba attrici u tordna l-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tal-attrici l-minuri A T P li jgib in-numru 2718 tas-sena 2000 b'mod li l-isem u kwalsiasi konnotati tal-konvenut J N M jigu sostwiti bl-isem u l-konnotati tal-konvenut R V.

6. Tordna lill-atturi u lill-konenut R V sabiex zmien gimgha millum jipprezentaw fl-atti ta' din il-kawza b'notifika lid-Direttur, Registru Pubbliku, nota guramentata bil-konnotati kollha rilevanti tal-konvenut R V in vista tat-tieni eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-attrici X Y u l-konvenut R V fi kwoti ndaqs bejniethom.

**Imhallef** **Deputat Registratur**